MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2011

Avviz Numru. 266/2009

**246 Operations Limited (C 37260)**

**Vs**

**Claude Paris ID 386578M u**
**C & C Caterers Limited (C 35883)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' rikorrenti talbet sabiex l-intimati jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu s-somma ta' hames t'elef u hamsa u erbghin ewro u hamsa u sittin centezmu tal-ewro (€5,045.65) rapprezentanti ammont dovut mill-konvenut lis-socjeta' mittenti ghal servizzi lill-konvenut rezi u kif ukoll rezi lil terzi fuq inkarigu tieghu.

Bl-ispejjes inkluzi tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta numru 1921/2008 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 2214/09 u tal-

mandat ta' sekwestru kawtelatorju 2216/09 pprezentanti kontestwalment ma dan ir-rikors, bl-imghax kummercjali mid-data tas-servizzi rezi sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimat ingunt in subizzjoni u kontra s-socjeta' intimata li d-diretturi u r-rapprezentanti taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-istess intimat 'pro et nomine' (fol 11 tal-atti u li biha esponew bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament jigi eccepit li Claude Paris personalment qatt ma ghamel ebda ordni ta' xoghol jew xi negozju mas-socjeta' attrici u ghaldaqstant mhux il-legittimu kuntradittur tal-kawza u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Illi l-imsemmi Claude Paris huwa direttur tal-kumpanija, u manager ta' restaurant maghruf bhala 'La Vita de la Valette' li tappartieni lil kumpanija C & C Caterers Limited u ghaldaqstant jopera ghan-nom ta' l-imsemmija kumpanija u mhux fil-kapacita tieghu personali
3. Illi m'hemm l-ebda ness l-anqas bejn il-kumpanija C & C Caterers Ltd u 246 Operations Ltd.
4. Illi s-servizzi li allegatament rezi minn 246 Operations Ltd certament ma kienux favur l-intimati izda lil terzi.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 22 tal-atti waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2010 u dak verbalizzat a fol 23 waqt is-seduta tal-1 ta' Dicembru 2010.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jkun opportun illi, hawnhekk, jigi deciz jekk il-konvenut kienx qed jagixxi 'proprio' jew 'nomine'. Dwar dan il-punt <u>Robert Micallef</u> (fol 15 et seq ibid) xehed illi meta kien qed jiddiskuti mal-konvenut dwar is-servizzi involuti, dan qatt ma ien semma' xi kumpanija anzi '… kien dejjem jghid li fil-fatt li kien sid ir-restaurant …'.  Jidher li kien wara li inkariga Avukat sabiex jaghmel ricerki illi kien gie skopert li r-'restaurant' kien qed jigi operat mis-socjeta' konvenuta. Inoltre meta kien jibghat 'statements' dwar l-ammont

dovut, ‘Hadd ma gibidli l-attenzjoni … illi l-‘invoices’ kont baghtthom personalment lil .. Claude Paris’. Minn dan, ghalhekk, jidher illi l-ammont in kwistjoni kien dovut mill-konvenut ‘proprio’ u mhux ‘nomine’.

Ikunsidrat

Illi kif hemm verbalizzat a fol 22 tal-istess atti is-‘sorte’ f’dan il-kaz kienet thallset fil-mori ta’ din il-kawza bejn l-17 ta’ Mejju 2010 u s-6 ta’ Ottubru 2010. Ghalhekk, in rigward l-imghax dovut li hu ta’ natura kummercjali jekk wiehed jara d-dokument a fol 18 tal-atti u z-zewg fatturi annessi, l-ammont dovut u mhallas kien maqsum fi tnejn cjoe Lm1043.85 dovut fl-17 ta’ Novembru 2006 u Lm2166.10 dovut fl-1 ta’ Dicembru 2006. Ghal pratticita, l-imghax ghandu jigi konsiderat bhala li beda jiddekorri fl-1 ta’ Dicembru 2006. Inoltre l-Qorti ma gietx informata dwar id-data esatta meta l–istess ammont gie imhallas. Ghalhekk il-Qorti ser tikkonsidra li l-istess ammont gie imhallas fil-5 ta’ Ottubru 2010, jum qabel is-seduta li fiha giet informata li s-sorte gie imhallas.

Ikkunsidrat

Illi, a bazi ta’ dak premess, din is-sentenza ser tinghata fil-konfront ta’ Claude Paris, personalment u in rigward l-imghax, dan ghandu jigi kunsiderat bhala dovut bejn l-1 ta’ Dicembru 2006 u sal-5 ta’ Ottubru 2010.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu ta’ dan il-kaz u waqt li tillibera lis-socjeta’ intimata mill-osservanza tal-gudizzju, tikkundanna lill-intimat personalment sabiex jhallas lis-socjeta’ rikorrenti l-imghax, kummercjali mill-ewwel (1) ta’ Dicembru 2006 sal-hamsa (5) ta’ Ottubru 2010 kif ukoll l-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 1921/2008 u tal-mandati ta’ qbid u ta’ sekwestru kawtelatorju numru 2214/09 u 2216/09 rispettivament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------